MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 27/1993/1

**Cecilia mart Carmelo Darmanin u l-istess Carmelo Darmanin
bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom**

**vs**

**Mary Fatima mart John Vassallo u l-istess John Vassallo
bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu
u ghal kull interess li jista jkollu**

**Il-Qorti,**

## PRELIMINARI

## IC-CITAZZJONI TA’ L-ATTURI

1. B’citazzjoni pprezentata mill-atturi wara li ppremettew li l-attrici kienet ghal hafna snin pprestat servigi lill-Avukat Dottor Carmelo Caruana izda l-Avukat Caruana qatt ma kien taha hlas xieraq ghal dawn is-servigi ghalkemm kien jghid kemm-il darba li l-attrici kienet kreditrici tieghu u li kien qed ifaddlilha l-flus li kellu jaghtiha; u li barra minn hekk, il-hwejjeg mobbli li hemm fis-sittax-il appartament li l-Avukat Caruana kellu f’Birzebbuga huma ta’ l-attrici; li l-Avukat Caruana miet fil-5 ta’ Frar 1992 u halla bhala werrieta wahdanija tieghu lil bintu l-konvenuta; li l-atturi sejhu lill-konvenuti biex jersqu ghal-likwidazzjoni tal-kumpens li jmiss lill-attrici u biex iroddu l-hwejjeg mobbli, izda l-konvenuti baqghu ma ghamlu xejn minn; premess dan kollu l-atturi talbu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili tghid li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi ghas-servigi li l-attrici irrendiet lil Dottor Carmelo Caruana u tghid ukoll li l-hwejjeg mobbli li hemm fis-sittax-il appartament f’Birzebbuga huma kollha tal-attrici; t-tieni li jinghad kemm hu l-kumpens li jmiss lill-attrici ghas-servigi li hija rrendiet; it-tielet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-kumpens likwidat skond it-tieni talba; u r-raba’ li jinghata zmien lill-konvenuti, li fih ghandhom iroddu lill-attrici l-hwejjeg mobbli fuq imsemmija u jekk ma jaghmlux dan fiz-zmien li jinghatalhom tikkundannahom ihallsuha daqs kemm jiswew dawn il-mobbli, bl-ispejjez.

## L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI

2. Il-konvenuti eccepew li ma huwiex minnu li l-attrici irrendiet xi servigi lil Dottor Carmelo Caruana u lanqas ma hu minnu li l-hwejjeg mobbli msemmija fic-citazzjoni huma tal-attrici.

B’nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri l-konvenuti ressqu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-artikoli 2174(c), 2148 (f) u 2149 (c) u (d) tal-Kodici Civili.

## IS-SENTENZA APPELLATA

3. B'sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 4 ta' Frar 2000 fl-ismijiet premessi dik il-Qorti ddecidiet billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti, cahdet l-eccezzjonijiet l-ohra, laqghet it-talbiet tal-atturi u kkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-atturi elfejn, tliet mija u sittin lira (Lm2,360) ghas-servigi li l-attrici kienet rrendiet lill-awtur tal-konvenuta u ikkundannat lill-konvenuti ukoll sabiex fi zmien xahrejn minn meta is-sentenza ssir res iudicata, li jroddu lill-atturi l-ghamara li kienet inghatatilhom b'datio in solutum u li qieghda jew fiz-zmien relattiv kienet, f'sittax-il appartament fi Triq Alexander, fl-inhawi ta' Birzebbuga, u f'kaz li l-konvenuti jonqsu li jroddu din l-ghamara fiz-zmien li nghatalhom ghandhom iroddu l-valur taghha ta' sitt mitt lira (Lm600). L-ispejjez gudizzjarji kollha kellhom jithallsu mill-konvenuti.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI</u>**

4. Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bl-imsemmija sentenza u interponew appell minnha fuq l-aggravju segwenti:-

A. Illi fl-ewwel lok l-esponenti umilment jilmentaw li l-ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx gharbiel shih u tajjeb sija tar-regoli ta' procedura civili ghal dak li jirrigwarda l-prova kif ukoll ghar-rigward is-sustanza tal-istess provi.

Jekk wiehed jaghrbel sewwa l-provi wiehed jsib li l-imsemmija Qorti kienet iffacjata bix-xhieda tal-attrici li ddikjarat divers (sic!) hwejjeg u l-konvenuti li cahdu dak li hija qalet. Meta wiehed jara l-atti jsib li l-attrici fuq ebda parti tax-xhieda taghha ma rnexxilha tressaq xi forma ta' prova barranija li tikkorrobora l-verzjonijiet taghha. Mhux biss anzi kellna ukoll l-posizzjoni li din pproduciet skrittura li giet dikjarata wahda falza biex ssahhah dak li qalet.

Fuq dan fl-ewwel lok bir-rispett kollu lejn l-imsemmija Qorti jidher car li r-regola fundamentali li min jallega jrid jipprova ntilfet kompletament. Mill-atti kollha jidher car li l-attrici ma giebetx provi la diretti jew indiretti li huma sufficjenti ai termini tal-ligi sabiex tipprova l-kaz taghha. Di fatti hija

harget bi storja li meta wiehed jezamina fid-dawl tal-esperjenza umana difficilment din tista tigi emnuta.

L-attrici fix-xhieda taghha tallega li hija ghandha tiehu l-hlas tas-servigi minghand l-werrieta tal-imsemmi Av. Carmelo Caruana. Mill-atti wiehed jista' jara b'liema mod din il-verzjoni hija maghmulha. Hija tghid mhux biss tas-servigi kellha tithallas izda li kellha ftehim li tithallas billi tiehu l-ghamara u wara din terga tikriha lill-imsemmi decujus.

L-esponenti ma jistghux jifhmu kif dik il-Qorti ma staqsitx kif jista' jkun li persuna taghti dan is-servizz ghal dak iz-zmien kollu u tibqa' mhux biss mhux imhallsa izda anqas ma titlob xi forma ta' dokument li jindika u jirrikonoxxi li hija ghandha tithallas. L-istess jinghad jekk jaghmilx sens li persuna li ghandha l-postijiet attrezzati tbiegh biex thallas ta' servigi l-ghamara taghhom u wara terga tidhol f'kuntratt li tikrihom minghand dik l-istess persuna. Min ghandu jiehu jitlob il-hlas tal-kumpens tieghu specjalment jekk kemm-il darba dan kien diga ffissat minn qabel. Min l-ammont diga jaf li huwa likwidat jitlob l-hlas almenu b'ittra u jekk verament hemm min ghandu jaghti dan jirrikonoxxih b'dokument specjalment meta dak il-persuna kien avukat.

Dawn il-punti kollha bhal dawk minnhom diga sollevati fin-nota tal-osservazzjonijiet ma gewx ezaminati mill-imsemmija Qorti.

Anzi quddiem dan l-imsemmija Qorti dehrilha li xorta hija ghandha tghid li qeghdha temmen lill-attrici. Interessanti l-kliem uzati minn dik il-Qorti meta qalet:
"Il-Qorti semghet lill-atrici tixhed viva voce u mhux biss rat ix-xhieda miktuba taghha setghet tara ukoll kif giebet ruhha waqt il-kontro-ezami. Il-Qorti qieset l-imgieba ta' l-attrici fid-dawl ta' l-allegazzjonijiet li saru kontra taghha u hija tal-fehma, anzi hija moralment konvinta, li l-attrici ma kienetx qeghdha tigdeb. Fix-xhieda ta' l-attrici hemm xi diskrepanzi u inezattezzi..."

Bir-rispett kollu kull persuna jista' jkollu l-impressjonijiet tieghu, jista' jahseb haga li ma tkunx fir-realta` u din hija esperjenza li ahna lkoll nghaddu minnha. Izda altru l-impressjonijiet u altru li wiehed jara jekk kemm-il darba dawn il-verzjonijiet humiex legalment sotenibbli u jikkostitwux prova f'kawza. Kull gudikant jista' jkollu il-konvinzjoni morali personali tieghu u din trid tigi rispettata bhal kull opinjoni ohra izda hawn meta wiehed jigi f'kawza allura l-grad joghla u din trid tkun sostanzjata mhux mitluqa fl-arja semplicement ghax hemm tali ideja.

Bir-rispett lejn l-imsemmija Qorti jekk xhud ma rnexxilux jipprova xejn minn dak li qal anzi pprova jidhaq bl-istes Qorti allura ma ghandux jinghata ebda affidament. L-esponenti umilment jfakkru li ai termini tal-Kodici Penali huwa delitt li wiehed jipproduci skrittura falsifikata. Dan huwa intralc ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja li ghandu jigi kkundannat. L-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta insibu hekk:
"Kull min fi proceduri civili jew kriminali, igieghel li jsir jew xjentement igib, dokument falz, jehel l-istess piena bhall-awtur tad-dokument falz".

Kif qalet tajjeb il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju 1995 fil-kawza Amabile Cauchi M.L.A. vs Ganni Attard Vol XXXIX pag 1037 (per Onor Dr. W. Harding):
"Biex tezamina l-kredibilta` tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji – ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm biss zewg xhieda, wahda tghid abjad u l-ohra tghid l-iswed. U fost il-kriterji tal-kredibilita` hemm dak tad-diportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti".

Dan huwa rifless ta' l-artikolu 637 tal-Kodici Penali li jghid:
"...jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex konsistenti, u ta fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hiex msahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz".

Ghalhekk l-insenjament korrett f'kazijiet simili huwa dak li jitlob tassattivament li ma tigix ezaminata biss x-xhieda

wahedha izda kollox. Dan ghandu jsir jekk wiehed jrid jibbaza il-gudizzju tieghu fuq dak li inghad u gie prodott fl-atti. Dan l-ezercizzju mhux talli ma sarx anzi l-istess Qorti wasslet lilha nnifisha fil-posizzjoni tassew stramba li tghid li l-fatt li l-attrici esebiet dokument falz ghandu jigi kkunsidrat bhal li kieku kien agir tajjeb u ma huwiex indikazzjoni cara li hija riedet tizvija, anzi proprju l-kontra indikazzjoni li hija ma ghandha hazen ta' xejn. Di fatti din tghid:
"Dan id-dokument xejn ma jghin lill-attrici u li kieku din kienet hazina bizzejjed biex tiffalsifika dokument kienet zgur tkun ukoll hazina bizzejjed biex d-dokument tat-12 ta' Jannar 1967 ma turihx".

Bir-rispett kollu l-Qorti tant ma gharbletx il-fatti fl-intier taghhom li waslet lilha innifisha f'konkluzzjonijiet li qeghdin kwazi jiggustifikaw min jipprova dawn it-tipi ta' manuvri, haga li l-esponenti konvinti li dik l-ewwel Qorti ma kellhiex l-intenzjoni li taghmel. Kienet haga mill-aktar cara li l-attrici kienet taf li d-dokument kien falz. Minkejja dan hija xorta wahda ghazlet li taghmel uzu minnu. Dan ghamlitu xjentement u minflok ma giet kkundannata giet kkunsidrata bhala l-aqwa xhud. Ghax kif qalet dik il-Qorti:
"Fil-fehma tal-Qorti, dan l-episodju ma jnaqqas xejn mill-kredibilita` ta' l-attrici, u l-Qorti tkun qeghda tonqos mid-dmir taghha li taghmel il-haqq u s-sewwa jekk lill-attrici ma temminhiex f'dak li qalet."

Bir-rispett kollu huwa tassew perikoluz li wiehed igib lil min jaghmel uzu minn mezzi qarrieqa mhux talli ma jkunx sanzjonat anzi jsib lilu nnifsu mqieghed fuq pedestal bhal dan.

B. Illi fit-tieni lok l-esponenti jilmentaw ukoll mill-fatt li l-imsemmija Qorti skartat kompletament ix-xhieda moghtija minnhom. Di fatti jidher car li l-Qorti dan ghamlitu ghax iddikjarat li l-mejjet Dr. Carmelo Caruana kellu xi haga x'jahbi u ghalhekk ma kienx jitkellem fuq l-attrici mal-konvenuti. Dan huwa ukoll punt gratwitu ghax jirrizulta anzi li l-mejjet kien ddikjara li m'ghandux dejn ma' hadd. Bir-rispett kollu ghax ma kienx hemm relazzjonijiet tajba bejn mart l-imsemmi u l-attrici ma hija indikazzjoni ta' xejn.

(Se mai f'dawn ic-cirkostanzi l-attrici kien messha ccaqilqet qabel jekk verament kellha tiehu minghand d-decujus). Minflok l-imsemmija l-ewwel Qorti esprimiet ruhha nvolontarjament b'mod li deher dell ikrah fuq r-reputazzjoni tajba ta' l-imsemmi Dr. Carmelo Caruana. Dan specjalment meta inghad "Jidher li, ghal ragunijiet tieghu, Dr Caruana ma kienx ihobb juri lill-familja tieghu..." . Bir-rispett kollu ma kien hemm ebda forma ta' prova ta' xi raguni li setghet tindika dan, anzi hemm prova proprju l-kontra. Hemm anzi xhieda kuntrarja li izda minn kliem il-Qorti wiehed jista' jifhem li qieghed jkun hemm dubbju mill-kelma li l-imsemmi testatur kien ta lill-konvenuti. Dan huwa verament zbaljat ghax huwa diga zvantagg li jsir taqbil bejn l-kelma ta' min ghandu haj u min miet, specjalment meta min qieghed jippretendi li ghandu dan id-dritt kellu hmistax-il sena biex jiccaqlaq u ma ghamlux anzi ghazel din it-triq wara l-mewt ta' l-imsemmi meta dan ma jista' jmeri xejn.

C. Illi fit-tielet lok l-esponenti umilment jilmentaw ukoll li l-imsemmija Prim' Awla tal-Qorti Civili ma kkunsidratx bizzejjed fil-fond l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati mill-esponenti. Dan qieghed jigi umilment sottomess ghax jidher li fuq din il-linja l-gharbiel legali li sar ma kkunsidrax numru ta' punti.

(i) fl-ewwel lok huwa minnu li ai termini tal-artikolu 2133 tal-Kodici Civili Kapitolu sittax ta' Malta hemm is-segwenti: *"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet mixja"*

izda dan bla ebda mod ma jfisser li ma tridx issir il-prova taghha. Kif jghid tajjeb il-Baudry Lacantinerie pag. 391 Parag. 529 fil-Volum Della Prescrizione hawn:
*"Si tratta soltanto di provare che vi e` stato riconoscimento del diritto che si pretende estinto dalla prescrizione".*

Huwa minnu ukoll li hemm gurisprudenza li dan jista' jkun espress jew tacitu izda f'ebda mument ma jkun hemm l-ezenzjoni mill-prova. Bir-rispett lejn l-ewwel Qorti wiehed

ghandu jghid li hija konkluzjoni gratuita u b'ebda mod pruvata meta din tiddikjara li:
"Rajna illi ftit qabel ma miet, Dr. Caruana kien gharaf id-dejn tieghu ma' l-attrici u kien ukoll sejjer johorgilha cheque li ma kienx ghax ma riedx juri lill-familja tieghu b'dan id-dejn. Dan l-gharfien tad-dejn jikser il-preskrizzjoni".

Bir-rispett kollu l-istess Qorti ma ratx sewwa ic-cirkostanzi li fihom din ix-xena qeghda tigi elaborata mill-attrici u hadet bhala pruvat dak li m'huwiex. Jekk wiehed jaccetta (punt kontestat mill-esponenti) li d-decujus kien persuna li ma riedx juri x'qed jaghmel dan kien sejjer l-ewwel jibghat ghall-attrici gewwa l-Kazin Malti fejn huwa post li notorjament jigi nutat kull min jidhol u kull min johrog specjalment biex wiehed jqis il-membri minn dawk li ma humiex jew il-hbieb distinti u dawk li ma humiex, mhux biss izda ghal min jaf tajjeb l-istess post hemm kamra ghas-sess feminili biss u fejn jiltaqghu iz-zewg sessi qieghed miftuh ghal kulhadd; it-tieni jekk ma riedx juri x'qed jaghmel allura kien sejjer jhallas b'cheque cioe` dokument li jista' jigi traccjat, ezaminat u li huwa ricevuta fih innifsu u dan ghal ammont 'l fuq min-normal illum ahseb u ara dak iz-zmien. Bir-rispett kollu li kieku kien minnu li kien hemm l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni kieku dan kien jsir b'dokument ufficjali car u inekwivoku.

(ii) fuq l-istess preskrizzjoni l-esponenti umilment jilmenta ukoll li l-imsemmija l-ewwel Qorti naqset meta ma kkonsidratx li s-servizzi maghmula f'dawn it-tip ta' kazijiet huma kkunsidrati gurnata b'gurnata. Fil-fatt il-gurisprudenza nostrali (vide Vol XXXII.ii.342, XXXIII.1.285, XLVII.655) tghid li l-preskrizzjoni proprjament ma tibdiex tiddekorri mill-ahhar servizz prestat, ghaliex il-kontinwazzjoni tas-servigi ma timportax interruzzjoni tal-preskrizzjoni a rigward tas-servigi anterjuri, billi kull servizz jikkostitwixxi kreditu specjali ghalih. Ghalhekk anke jekk wiehed jaccetta (punt mhux accettat minn din il-parti) li kien hemm interruzzjoni allura kelllu jkun hemm limitazzjoni taz-zmien li ghalih l-attrici setghet titlob kumpens li ma kellu qatt jeccedi dak ta'

hames snin.  Haga li baqghet ma saritx mill-imsemmija l-ewwel Qorti.

D.  Illi fir-raba lok l-esponenti jilmentaw ukoll li l-mod ta' kif inhadem il-kumpens lill-attrici ma jistax jinftiehem.  Jekk wiehed jaqra l-parti relevanti ma hemmx spjegazzjoni tajba tal-figuri komputati anzi jidher li thalliet barra xi spjegazzjoni.  Dan apparti l-fatt li zgur li kellhom jigu indikati biss l-ahhar snin billi ai termini tal-ligi l-ohrajn jigu preskritti kollha.

E.  Illi fil-hames lok jinghad ukoll li ma hemmx anqas xi forma ta' spjegazzjoni tal-kundanna ghar-ritorn ta' l-ghamara.  Bir-rispett kollu minn imkien ma rrizulta xi forma ta' elenku ta' dan.  Mhux biss izda anqas ma jidher li kien hemm ideja ta' x'hemm ezistenti.  Ghalhekk din it-talba ma setghetx tigi milqugha.

F.  Illi fis-sitt lok l-esponenti ukoll jilmentaw mill-fatt li huma gew akkolati l-ispejjez kollha tal-kawza.  Tant ma sarx gharbiel tajjeb ta' kollox li huma gew ikkundannati jhallsu ukoll l-ispejjez tal-perizja li saret sabiex jigi dikjarat u deciz li l-iskrittura prodotta mill-attrici kienet falza.

Ghaldaqstant il-konvenuti appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Frar 2000 fl-ismijiet premessi billi tichad it-talbiet atturi u tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-esponenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-imsemmija atturi.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' CECILIA MART CARMEL DARMANIN U L-ISTESS CARMEL DARMANIN BHALA KAP TAL-KOMUNJONI TA' L-AKKWISTI BEJNIETHOM**

5.  L-atturi appellati wiegbu hekk:

Illi s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi tal-4 ta' Frar 2000 hija gusta u timmerita konferma.

Illi fir-rikors ta' l-appell taghhom, l-appellanti ssollevaw hames argumenti bhala l-bazi ta' l-aggravju taghhom. Meta wiehed jezamina dawn l-ilmenti jidher car li l-appellanti qed jippruvaw jaqbdu ma' kull kelma li qalet l-Ewwel Qorti f'tentattiv sfrenat biex is-sentenza tigi revokata u mhassra u minflok din il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-appellanti.

Illi meta wiehed jaghsar l-appell prezentat jidher car ukoll li l-appell huwa bbazat fuq kritika ta' l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti u l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom.

Illi minkejja l-fatti li l-appellanti ssollevaw li "l-Ewwel Onorabbli Qorti m' ghamlitx gharbiel shih u tajjeb sia tar-regoli tal-Procedura Civili ghal dak li jirrigwarda l-prova kif ukoll ghal dak li jirrigwarda s-sustanza tal-provi", fl-ebda mod ma jelenkaw kif u *come* l-Ewwel Qorti "naqset" milli ssegwi r-regoli tal-procedura civili. Wiehed jista' ma jaqbilx mal-gharbiel li uzat l-Ewwel Qorti, (kif ma jaqblux l-appellanti f'din il-kawza), izda b'dana kollu ma jistax jinghad li l-istess Qorti b'xi mod naqset li ssegwi r-regoli tal-Procedura Civili.

Illi fil-kuntest ta' din il-kawza, fejn ftit li xejn kien hemm xhieda – hlief l-attrici u l-konvenuti – il-Qorti kellha tiddeciedi fuq il-kredibilita` u l-attendibilta` tal-persuni li jidhru quddiemha. Ma hemmx dubbju li kuntrarjament ghal dak li qed jallegaw l-appellanti, l-Ewwel Qorti ezaminat bir-reqqa mhux biss dak li kellhom jghidu x-xhieda izda gharblet ukoll il-komportament taghhom biex tkun tista' tasal ghall-konkluzjonijiet taghha b'sens ta' gustizzja.

Illi bir-rispett kollu l-appellati ma jistghux jaqblu ma' dak li qed jallegaw l-appellanti fit-tielet pagna tar-rikors ta' l-appell taghhom fejn qed ipingu lill-gudikant li kien gwidat minn emozzjonijiet personali tieghu minghajr sens ta' gustizzja u reqqa, "mitluqa fl-arja sempliciment ghax hemm tali idea". Hekk hija l-valutazzjoni ta' l-appellanti. Din hija valtazzjoni serja mhux biss tal-gudizzju izda ukoll tal-gudikant li ta l-gudizzju tieghu. Donnu dak li qed

jippruvaw johorgu l-appellanti fl-appell taghhom, mhux tant l-attendibilita` ta' l-attrici Darmanin, izda pjuttost l-attendibilita` ta' l-Ewwel Qorti u l-Gudikant taghha.

Illi l-esponenti ma jistghu jghidu xejn biex jirribattu din l-insinwazzjoni hlief li jirreferu ghal dik il-parti tas-sentenza li kkwotaw l-appellanti stess meta l-Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha. Il-Qorti qalet:
"...li l-Qorti tkun qed <u>tonqos mid-dmir taghha li taghmel il-haqq u s-sewwa</u> jekk lill-attrici ma temminhiex f'dak li qalet."

Illi dwar it-tieni argument tal-appellanti, l-esponenti jhossu li ghal darb'ohra l-appellanti ma jaqblux mal-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-Ewwel Qorti fuq l-assjem tal-provi kollha meqjusa minnha.
Illi dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni li ssollevaw l-appellanti, l-esponenti jaghmlu referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Din ukoll hija bbazata fuq l-evalwazzjoni tal-provi mressqa quddiem il-Qorti li f'dan l-istadju qed jirribattu l-appellanti fl-appell taghhom. Jidher car mill-provi li kien hemm gharfien tad-dejn li kiser il-preskrizzjoni. Ghal darb'ohra l-appellanti jirriferu ghall-konkluzjoni dwar l-gharfien tad-dejn bhala "gratwita u b'ebda mod pruvata".

Illi f'dan il-lok l-appellanti ma jaghmlu xejn hlief li jevalwaw kif jaqbel lilhom il-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi fl-ahharnett dwar is-sollevazzjonijiet l-ohra mressqa mill-appellanti l-esponenti jaghmlu referenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet prezentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u ghas-skans ta' ripetizzjoni jsostnuhom f'din ir-risposta ta' l-appell.

Ghaldaqstant l-appellati talbu li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. L-appell in ezami hu dwar kawza ghal servigi u restituzzjoni ta' oggetti mobbili li l-attrici intavolat kontra l-

eredi tal-mejjet avukat Dottor Carmelo Caruana billi din allegat li pprestat diversi sevizzi u prestazzjonijiet fl-interess u a beneficcju tad-decujus, li, minkejja li l-promessi li jhallasha ta' hidmietha, l-imsemmi Dottor Caruana hallasha biss in parte.

L-aggravji tal-konvenuti appellanti jistghu jingabru in succint taht sitt kapi separati, igifieri:
(i) li l-ewwel Qorti ma ghamlitx gharbiel shih u tajjeb sija tar-regoli ta' procedura civili dwar il-provi li gew prodotti u ta' dak li jemergi minnhom;
(ii) li l-Qorti skartat kompletament ix-xhieda moghtijia mill-konvenuti appellanti;
(iii) li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx bizzejjed fil-fond l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati minnhom;
(iv) li l-mod ta' kif inhadem il-kumpens lill-attrici ma jistax jinftiehem;
(v) li ma hemmx xi forma ta' spjegazzjoni tal-kundanna ghar-ritorn ta' l-ghamara; u
(vi) li l-appellanti gew akkollati l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk peritali meta l-perit gudizzjarju rrelata favurihom.

7. Dwar l-aggravji (i) u (ii) kif riportati supra, ghandu jinghad li hija ormai prassi stabbilita u segwita ta' din il-Qorti li, sakemm ma jkunx hemm raguni jew ragunijiet serji u gravi talment li jiddettaw xort' ohra, hija ma tiddisturba qatt leggerment l-evalwazzjoni tal-provi li tkun saret mill-Qorti ta' l-ewwel grad u li quddiemha jkunu gew prodotti, mismugha u kkontrollati l-istess provi. Multo magis meta, kif jidher fil-kaz in ezami, ikun jirrizulta li l-ewwel Qorti tkun ikkonduciet ezami minuzjuz tal-provi u qaghdet ukoll attenta li tosserva l-komportament tax-xhieda waqt li dawn kienu qeghdin jiddeponu. L-ewwel Qorti ddeskriviet espressament l-operat taghha u l-analizi tax-xhieda u talli ghamlet hekk, l-appellanti bhal donnhom jikkritikaw, jekk mhux addirittura "jakkuzawha", b'leggerezza. Ghall-fatt li l-ewwel Qorti stqarret li kienet "moralment konvinta" li, diskrepanzi apparti, l-attrici tassew ipprestat servigi lil Dottor Caruana, l-appellanti jissottomettu li tali konvinzjoni "trid tkun sustanzjata mhux mitluqa fl-arja semplicement ghax hemm tali ideja". Issa minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta bic-car li l-

ewwel Qorti fliet bir-reqqa kull xhieda li nghatat u fejn sabet diskrepanzi – kompriza l-falsita` f'iskrittura prodotta mill-attrici – ma ddejqet xejn milli tikkummenta dwarha. Dak li rriteniet l-ewwel Qorti, gustament fil-fehma ta' din il-Qorti ta' Appell, kien li bil-fatt li l-iskrittura li giet prodotta mill-attrici bhala parti mill-provi taghha nstabet li ma kinitx prova affidabbli, ma kienx ifisser ukoll u necessarjament li dak kollu li xehdet dwaru u x-xhieda l-ohra prodotti minnha kellhom jigu skartati in toto bhalikieku ma jiswew xejn. Il-konsegwenza tal-fatt li l-iskrittura msemmija giet skartata kienet dik li tirridimensjona l-pretensjoni attrici ghal dak li jirrigwarda kumpens ghal ftit anqas minn terz ta' dak li l-attrici bdiet tippretendi.

8. Dwar ix-xhieda moghtija mill-konvenuti appellanti lanqas ma huma korretti l-appellanti meta jillanjaw li huma gew injorati. Tant ma kienx il-kaz li l-ewwel Qorti sahansitra esprimiet ruhha fis-sens li "ghalkemm il-konvenuti qeghdin jichdu l-allegazzjonijiet ta' l-attrici, fix-xhieda taghhom ma hemm xejn li jgiddeb dak li qalet l-attrici" (sottolinear tal-Qorti). L-istess Qorti kkostatat ukoll li mill-provi "ma ntwerewx fatturi oggettivi li jitfghu dubbji serji fuq il-kredibilita` ta' l-attrici..."

Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid l-istess provi hija tal-fehma li dak li gie kkostatat u deciz mill-ewwel Qorti, riferibbilment ghall-provi, kien gust u sostanzjalment korrett.

9. Dwar il-preskrizzjoni li giet eccepita ulterjorment mill-appellanti konvenuti, ibda biex ghandu jinghad li f'kaz ta' servigi u prestazzjonijiet varji l-preskrizzjoni li normalment tapplika f'kazi simili hija dik kwinkwennali u mhux xi preskrizzjoni b'termini iqsar kif pretiz mill-konvenuti. Kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet: "George Portelli vs Nicole Galea (Koll. Vol. XLIII-1-66) moghtija mill-Qorti ta' l-Appell: "Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjoni tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, argentieri, haddieda, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opra jew tax-xoghol taghhom, jew tal-materjal li jfornu, ma hix applikabbli ghall-azzjoni li biha jintalbu l-likwidazzjoni u l-hlas tas-

servigi. Ghax talba simili ma hix ghall-hlas tal-prezz konvenut ghal xi bicca xoghol determinata li min jitlob dan il-hlas ghandha taghmel dak il-hlas; izda ghall-kumpens likwidabbli, mill-Qorti, ghal servigi u prestazzjonijiet varji rezi f'okkazjonijiet diversi matul certu perijodu u gie dejjem ritenut li l-preskrizzjoni applikabbli ghal din l-azzjoni hija dik ta' hames snin".

Jirrizuta mill-provi li dawn is-servigi kienu jikkomprendu mhux biss tindif ta' appartamenti tad-decujus bejn kirja u ohra, izda wkoll li l-attrici tiehu hsieb xi prenotazzjonijiet kif ukoll tara li jsiru arrangamenti biex ikun hemm min jilqa' lit-turisti meta dawn jaslu Malta u twassallhom sa l-appartament mikri lilhom.

Mill-provi jirrizulta inoltre mhux biss li kien hemm interruzzjoni ta' kull zmien preskrittiv li beda jiddekorri bl-ispedizzjoni ta' l-ittra ufficcjali datata l-14 ta' Settembru 1992 (ara fol. 58 tal-process) imma li l-attrici ppruvat ukoll li kien hemm diversi rikonoxximenti ta' l-imsemmi jedd ghall-hlas da parti tad-decujus. Issa skond l-artikolu 2133 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja. Meta l-preskrizzjoni tigi miksura, iz-zmien li jkun ghadda qabel ma jghoddx ghalbiex wiehed jippreskrivi, izda l-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-gdid (artikolu 2136 tal-Kap. 16).

Dak li gie osservat mill-Qorti ta' l-ewwel grad dwar il-preskrizzjoni huwa korrett u gustament dina l-eccezzjoni ulterjuri giet respinta.

10. Ir-raba` aggravju huwa relatat mal-quantum li gie likwidat bhala kumpens ghas-servigi. Skond l-appellanti konvenuti r-ragjonament ta' l-ewwel Qorti biex waslet ghal din il-likwidazzjoni "ma tistax tinftiehem". Din il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata u ma tistax tikkondividi s-sottomissjoni ta' l-appellanti. L-appellanti ghandhom kull dritt li jhaddnu fehmiet diversi minn dik ta' l-ewwel Qorti, pero` dan ma jfissirx li l-manjiera kif inhadmet il-likwidazzjoni ma tinftehimx. Fil-fatt, l-ezercizzju maghmul

mill-ewwel Qorti huwa sufficjentement car u m'hemm xejn straordinarju jew irragjonevoli fih. Kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet "G. Portelli vs N. Galea" (ibid.) surreferita,
"Dwar ix-xorta tas-servigi rezi, dwar il-quantum dovut ghal dawn is-servigi, u dwar il-mizura li fiha dak il-kumpens ghandu jitqies kompensat ma' dak li min ircieva s-servigi jkun ta lil min irrendihomlu, meta l-ewwel Qorti, fic-cirkustanzi tal-kaz, kellha bilfors tuza l-arbitriju taghha boni viri, il-Qorti ta' l-Appell, skond prattika kostanti ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni, jekk mhux meta tkun manifestament zbaljata, jew ghal ragunijiet gravi. Jekk ma tirrikorrix xi wahda minn dawn ir-ragunijiet, id-diskrezzjoni uzata mill-Ewwel Qorti tibqa' inalterata, jekk is-sentenza kontenenti dik id-diskrezzjoni tigi appellata"
(Ara wkoll Koll. Vol. XXIV-1-1; XXV-1-261; XXXVIII-1-207 fost ohrajn).

11. Il-hames aggravju huwa dwar l-akkoljiment tat-talba attrici ghar-ritorn ta' ghamara li d-decujus kien ta lill-attrici bhala kumpens parzjali tas-servigi li hija kienet tipprestalu tul is-snin minghajr pero` ma qatt sar it-trasferiment attwali ta' l-imsemmija ghamara. Ghalkemm din il-Qorti jkollha tirrikonoxxi li x-xhieda attrici f'dan il-kuntest m'hijiex daqstant soda u konvincenti bhal fil-kaz tas-servigi, madanakollu fuq bazi ta' probabilita` dak li finalment gie deciz mill-Ewwel Qorti jimmerita konferma. Ghandu jinghad li l-Ewwel Qorti fl-istess waqt li accettat il-verzjoni attrici relativament ghall-ghamara li kienet tinsab fl-appartamenti tad-decujus, il-pretensjoni addizzjonali ghall-hlas ta' kera rigwardanti din l-ghamara giet respinta. Dan l-aggravju ghalhekk, bhal dak ta' qablu, qieghed jigi michud ukoll.

L-ahhar aggravju ghandu x'jaqsam mal-kap ta' l-ispejjez. L-appellanti jillanjaw mill-fatt li minkejja li l-espert kalligrafu li nhatar bhala espert gudizzjarju spicca biex irrelata favur it-tezi tal-konvenuti mmirata biex tigi inficjata u skartata l-iskrittura esebita mill-attrici, l-ispejjez relattivi gew ukoll mixhutin fuq l-appellanti. Wara li qieset l-atti u l-provi relattivi, fid-dawl ta' dak li gie sottomess mill-partijiet, din il-Qorti jidhrilha li dana l-aggravju huwa fondat. Id-dritt u spejjez peritali fil-fatt kienu moderati hafna, igifieri tmienja

u tletin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm38.85c) u forsi kien ghalhekk li l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda provvediment dwarhom, izda jekk inhuwa hekk, l-ewwel Qorti ma kinitx korretta. Mill-bqija pero` ma hemm ebda lok ghal caqlieq jew temperament ulterjuri fil-kap ta' l-ispejjez, hlief igifieri li l-ispejjez peritali, u xejn izjed minn hekk, ikunu a kariku ta' l-atturi appellati.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata in kwantu din tolqot it-talbiet fil-mertu u ghalhekk ukoll tichad din il-parti ta' l-appell tal-konvenuti; tilqa' l-appell in parte fir-rigward biss tal-kap tal-ispejjez billi tirriforma dik il-parti tas-sentenza minn kif deciza mill-ewwel Qorti, u dan billi tikkundanna lill-atturi li jhallsu huma l-ispejjez peritali. Kwantu ghall-ispejjez gudizzjarji ghall-bqija tas-sentenza relattivament ghaz-zewg istanzi dawn jithallsu unikament u interament mill-konvenuti appellanti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------